

Il-Kodiċi tal-Istatuti tal-Aġenzija Żvediża tat-Trasport



L-AĠENZIA
ŻVEDIŻA TAT-
TRASPORT

Regolamenti

li jemendaw ir-Regolamenti u l-pariri ġenerali tal-Aġenzija Żvediża tat-Trasport (TSFS 2016:22) dwar il-karozzi u t-trejlers irmunkati mill-karozzi u mqiegħda fis-servizz fl-1 ta' Lulju 2010 jew wara;

TSFS 2016:22 [Sena]:

[Nru]

Ippubblikati

fi [Agħżel data]

TRAFFIKU FIT-TOROQ

adottati fi [Agħżel data].

Permezz tal-Kapitolu 8, l-Artikolu 16 tal-Ordinanza dwar il-Vetturi (2009:211) u l-Artikoli 3 u 12 tal-Ordinanza dwar il-Kontroll tal-Emissjonijiet tal-Egżost (2011:345), l-Aġenzija Żvediża tat-Trasport tistabbilixxi¹ li l-Anness 1 tar-Regolamenti u l-pariri ġenerali tal-Aġenzija Żvediża tat-Trasport (TSFS 2016:22) dwar il-karozzi u t-trejlers irmunkati bil-karozzi u mqiegħda fis-servizz fl-1 ta' Lulju 2010 jew wara għandhom jiġu fformulati kif ġej.

F'isem l-Aġenzija Żvediża tat-Trasport

JONAS BJELFVENSTAM

Per Öhlund
(Triq u ferrovija)

¹ Ara d-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-ġoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika.

Anness 1 – Rekwiżiti għall-karozzi tal-passiġġieri, ix-xarabanks, it-trakkijiet u t-trejlers tagħhom

2. Egżost minn vetturi ħfief

Vettura tal-kategorija M₁, M₂, N₁, jew N₂ b'massa ta' referenza li ma tkunx aktar minn 2,610 kg għandha tissodisfa r-rekwiżiti fir-ringiela K1, K2, jew K3 fit-tabella ta' hawn taħt fir-rigward tal-emissjonijiet tal-egżost u pollutanti oħra.

Vettura tal-kategorija M₁, M₂, N₁, jew N₂ b'massa ta' referenza ta' bejn 2,380 u 2,610 kg tista' tissodisfa r-rekwiżiti dwar l-emissjonijiet tal-egżost u pollutanti oħra fl-Artikolu 41 minflok ir-rekwiżiti fl-ewwel paragrafu. Dan jiddependi mill-kundizzjoni li l-vettura tissodisfa wkoll ir-rekwiżiti għall-kejl tal-emissjonijiet tas-CO₂ u tal-konsum tal-fjuwil kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 715/2007 u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tiegħu.

Vettura tal-kategorija M₁, M₂, N₁, jew N₂ b'massa ta' referenza li ma tkunx aktar 2,840 kg, fir-rigward tal-emissjonijiet tal-egżost u pollutanti oħra, jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti fir-ringiela K1, K2, jew K3, dment li jissodisfaw il-kundizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007.

Vettura tal-kategorija M₁ u N₁ manifatturata f'serje kbira f'pajjiżi terzi jew għalihom tista' minflok tissodisfa r-rekwiżiti fir-ringiela T1.

Vettura li sussegwentement ġiet ikkonvertita biex taħdem bil-fjuwil tal-etanol tista' minflok tissodisfa r-rekwiżiti fir-ringiela K1 jew K7. Vettura tal-kategorija M₁ jew N₁ tista' tissodisfa r-rekwiżiti fir-ringiela K5. Il-konverżjoni ma tistax iżżid il-qawwa massima tal-magna tal-vettura b'aktar minn 5 fil-mija.

Vettura li sussegwentement ġiet ikkonvertita biex taħdem bis-CNG (gass naturali kkompressat), l-LNG (gass mill-metan likwifikat), jew l-LPG (gass likwifikat miż-żejt) tista' minflok tissodisfa r-rekwiżiti fir-ringiela K4 jew K7. Il-konverżjoni ma tistax iżżid il-qawwa massima tal-magna tal-vettura b'aktar minn 5 fil-mija.

Vettura li qabel kienet irreġistrata u mqiegħda fis-servizz f'pajjiż barra miż-Żona Ekonomika Ewropea jew fit-Turkija tista', minflok ir-rekwiżiti ta' hawn fuq, tissodisfa r-rekwiżiti fir-ringiela K6.

Minkejja r-rekwiżiti ta' hawn fuq

1. il-kampers, l-ambulanzi, il-karozzi tal-mejtin, u l-vetturi korazzati mhumieq soġġetti għar-rekwiżiti tal-emissjonijiet tas-CO₂ u tal-konsum tal-fjuwil fir-ringiela K1;

2. fil-każijiet speċifikati fir-ringiela S1, il-kampers, l-ambulanzi, u l-karozzi tal-mejtin jistgħu jissodisfaw wkoll ir-rekwiżiti ddikjarati fihom; u

3. fil-każijiet speċifikati fir-ringiela S2, il-vetturi aċċessibbli għas-siġġijiet tar-roti jistgħu jissodisfaw ukoll ir-rekwiżiti stipulati fihom.

- Meta jiġi evalwat jekk ir-rekwiżiti ġewx issodisfati, modifika/bidla
1. fit-tul tas-sistema tal-egżost, sa żewġ metri wara l-aħħar silenzzjatur, ma għandhiex tinvolvi rekwiżiti għal aktar ittestjar tas-sistema ta' kontroll tal-emissjoni tal-egżost ta' kampers, ambulanzi jew karożżi tal-mejtin;
 2. fil-massa ta' referenza ma għandhiex tinvalida approvazzjoni maħruġa għall-vettura bażi l-aktar rappreżentattiva għal kamper, ambulanza, vettura tal-mejtin, jew vettura aċċessibbli għal siġġu tar-roti; u
 3. fis-sistema tal-egżost ta' vettura aċċessibbli għal siġġu tar-roti ma għandhiex tinvolvi rekwiżiti għal aktar ittestjar, dment li s-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet tal-egżost – u kwalunkwe filtru – ma tkunx affettwata mill-modifika.
- Id-dispożizzjonijiet dwar il-konvertituri katalitiċi ta' sostituzzjoni għall-vetturi jinsabu fir-Regolament (KE) Nru 715/2007 u fir-Regolamenti u l-pariri ġenerali tal-Aġenzija Żvediża tat-Trasport (TSFS 2013:63) dwar il-karożżi u t-trejlers irmunkati mill-karożżi.

Ringiela	Dispożizzjonijiet		Tapplika għal vetturi mqiegħda fis-servizz
K1	Tissodisfa r-rekwiżiti kif emendati permezz ta'	Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007	-
		Ir-Regolament (KE) Nru 692/2008 Euro 5 jew emendi sussegwenti skont id-dati speċifikati fit-tabella fl-Appendiċi 6 tal-Anness I	2010-07-01–2015-08-31 Limitata għall-kategorija M ₁ , M ₂ , u N ₁ klassi I
		Ir-Regolament (KE) Nru 692/2008 Euro 6 jew emendi sussegwenti skont id-dati speċifikati fit-tabella fl-Appendiċi 6 tal-Anness I	2012-01-01–2016-08-31 Limitata għall-kategorija N ₁ Klassi II, N ₁ Klassi III, u N ₂
			2015-09-01–2018-08-31 Limitata għall-kategorija M ₁ , M ₂ , u N ₁ klassi I
			2016-09-01–2019-08-31 Limitata għall-kategorija N ₁ Klassi II, N ₁ Klassi III, u N ₂

		Ir-Regolament (UE) 2017/1151 jew emendi sussegwenti	2017-09-01 jew aktar tard Limitata għall-kategorija M ₁ , M ₂ , u N ₁ klassi I 2018-09-01 jew aktar tard Limitata għall-kategorija N ₁ klassi II, N ₁ klassi III, u N ₂
K2	Tissodisfa r-rekwiżiti tad-Direttiva	70/220/KEE	-
	emendata bid-Direttiva	98/69/KE Vetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti fir-ringiela B tat-Tabella 5.3.1.4 fl-Anness I.	2010-07-01–2010-12-31 Limitata għall-kategorija M ₁ , M ₂ , u N ₁ klassi I 2010-07-01–2011-12-31 Limitata għall-kategorija N ₁ Klassi II, N ₁ Klassi III, u N ₂ u vetturi ddisinjati biex jissodisfaw ħtiġijiet soċjali speċifiċi
K3	Tissodisfa r-rekwiżiti ta'	Regolament ECE 83	-
		Serje ta' emendi 05 Vetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti fir-ringiela B tat-tabella fl-Artikolu 5.3.1.4.	2010-07-01–2010-12-31 Limitata għall-kategorija M ₁ , M ₂ , u N ₁ klassi I 2010-07-01–2011-12-31 Limitata għall-kategorija N ₁ Klassi II, N ₁ Klassi III, u N ₂ u vetturi ddisinjati biex jissodisfaw ħtiġijiet soċjali speċifiċi
			2010-07-01–

		Serje ta’ emendi 06	2015-08-31 Limitata għall-kategorija M ₁ , M ₂ , u N ₁ klassi I
			2012-01-01– 2016-08-31 Limitata għall-kategorija N ₁ Klassi II, N ₁ Klassi III, u N ₂
		Serje ta’ emendi 07 jew emendi sussegwenti	2015-09-01– 2018-08-31 Limitata għall-kategorija M ₁ , M ₂ , u N ₁ klassi I
			2016-09-01– 2018-08-31 Limitata għall-kategorija N ₁ Klassi II, N ₁ Klassi III, u N ₂
K4	Il-kits ta’ konverżjoni għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ta’	Regolament tal-ECE 115	-
		Serje ta’ emendi 00 jew emendi sussegwenti	2010-07-01 jew aktar tard
K5	Il-kits ta’ konverżjoni għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Kapitolu 5, l-Artikoli 24-32 tar-Regolamenti u l-pariri ġenerali tal-Aġenzija Żvediża tat-Trasport (TSFS 2013:63) dwar il-karozzi u t-trejlers irmunkati mill-karozzi		2010-07-01– 2010-12-31 Limitata għall-kategorija M ₁
			2010-07-01– 2011-12-31 Limitata għall-kategorija N ₁

K6	Vettura li taħdem b'magna petrol għandha tkun mgħammra b'konvertitur katalitiku tridirezzjonali u tissodisfa r-rekwiżiti dwar l-emissjonijiet tal-egżost meta l-magna ma tkunx ingranata u veloċità idle miżjuda fl-Anness 1 tar-Regolamenti u l-parir ġenerali tal-Aġenzija Żvediża tat-Trasport (TSFS 2017:54) dwar it-testijiet tal-affidabbiltà stradali. Vettura b'magna diżil għandha tissodisfa r-rekwiżiti dwar l-opaċità tal-gass tal-egżost waqt aċċellerazzjoni ħielsa fl-Anness 1 tar-Regolamenti u l-pariri ġenerali tal-Aġenzija Żvediża tat-Trasport (TSFS 2017:54) dwar it-testijiet tal-affidabbiltà stradali, u tissodisfa r-rekwiżiti tal-emissjonijiet rilevanti għall-mudell tal-vettura f'konformità mar-regolamenti federali tal-Istati Uniti. Fin-nuqqas ta' data tal-vettura dwar il-koeffiċjenti ta' assorbiment għall-opaċità tal-gass tal-egżost matul l-aċċellerazzjoni ħielsa, il-limitu ta' prestazzjoni għandu jkun ta' 1.5 m⁻¹.	
K7	Il-kits ta' konverżjoni għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Anness 5 tar-Regolamenti Żvediżi dwar l-Amministrazzjoni tat-Toroq (VVFS 2003:29) dwar l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati.	2011-01-01 jew aktar tard
T1	Fir-rigward tal-emissjonijiet, vettura għandha tissodisfa r-rekwiżiti tekniċi alternattivi speċifikati fl-entrati 2 u 2a tal-Partijiet I u II tal-Appendiċi 2 tal-Anness IV tad-Direttiva 2007/46/KE, kif emendata bir-Regolament (UE) Nru 183/2011.	
S1	Karozza tal-passiġġieri b'piż totali li jkun aktar minn 2,500 kg u mibnija minn trakk jew xarabank tista' tissodisfa r-rekwiżiti li japplikaw għall-vettura bażi, li f'xi każijiet tista' tinvolvi rekwiżiti ta' emissjonijiet għal vetturi tqal skont il-punt 11 jew il-punt 41 ta' dan l-Anness. L-istess japplika għal xarabank mibnija minn trakk jew karozza tal-passiġġieri.	
S2	Karozza tal-passiġġieri mibnija minn trakk jew xarabank tista' tissodisfa r-rekwiżiti li japplikaw għall-vettura bażi, li f'xi każijiet tista' tinvolvi rekwiżiti ta' emissjonijiet għal vetturi tqal skont il-punt 11 jew il-punt 41 ta' dan l-Anness. L-istess japplika għal xarabank mibni minn trakk.	

41. Egżost minn vetturi tqal

Vettura b'massa ta' referenza li tkun aktar minn 2,610 kg għandha tissodisfa r-rekwiżiti fir-ringiela K1, K2, jew K3 fit-tabella ta' hawn taħt fir-rigward tal-emissjonijiet tal-egżost.

Il-vetturi b'massa ta' referenza ta' bejn 2,380 kg u 2,610 kg jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti dwar l-egżost u pollutanti oħra fir-ringieli K1, K2, jew K3 fit-tabella ta' hawn taħt minflok ir-rekwiżiti fil-punt 2 ta' dan l-Anness. Dan japplika jekk il-vettura tissodisfa wkoll ir-rekwiżiti għall-kejl tas-CO2 u tal-konsum tal-fjuwil kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 715/2007 u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tiegħu f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 692/2008.

Ir-rekwiżiti fir-ringieli K1–K3 ma japplikawx għall-vetturi tal-kategorija M1, M2, N1, jew N2 li jkollhom massa ta' referenza li ma tkunx aktar minn 2,840 kg u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007.

Vettura li sussegwentement ġiet ikkonvertita biex taħdem bil-fjuwil tal-etanol tista' minflok tissodisfa r-rekwiżiti fir-ringiela K1 jew K7.

Vettura li sussegwentement ġiet ikkonvertita biex taħdem bis-CNG (gass naturali kkompressat), l-LNG (gass mill-metan likwifikat), jew l-LPG (gass likwifikat miż-żejt) tista' minflok tissodisfa r-rekwiżiti fir-ringiela K4 jew K8.

Vettura li qabel kienet irreġistrata u mqiegħda fis-servizz f'pajjiż barra miż-Żona Ekonomika Ewropea jew fit-Turkija tista' minflok tissodisfa r-rekwiżiti fir-ringiela K5.

Vettura tqila tal-merkanzija jew xarabank tqila konvertita għal emissjonijiet imnaqqs ta' egżost tista' minflok tissodisfa r-rekwiżiti speċifikati fir-ringiela K6.

Vettura tal-kategorija M1 u N1 manifatturata f'serje kbira f'pajjiżi terzi jew għalihom tista' minflok tissodisfa r-rekwiżiti fir-ringiela T1.

Fil-każijiet speċifikati fir-ringiela S1, il-kampers, l-ambulanzi, u l-karozzi tal-mejtin jistgħu wkoll jissodisfaw ir-rekwiżiti ddikjarati fihom.

Karozza tal-passiġġieri aċċessibbli għal siġġu tar-roti tista' tapplika wkoll l-eżenzjonijiet speċifikati fir-ringiela S2.

Krejn mobbli EC jista', minflok ir-rekwiżiti fir-ringieli K1–K3, jissodisfa r-rekwiżiti speċifikati fir-ringiela S3.

Meta jkun qed jiġi evalwat jekk kamper, ambulanza, jew vann tal-mejtin ikunx issodisfa r-rekwiżiti, modifika tat-tul tas-sistema tal-egżost, sa żewġ metri wara l-aħħar silenzjatur, ma għandhiex tinvolvi rekwiżiti għal aktar ittestjar għall-pollutanti.

Ringiela	Dispożizzjonijiet	Tapplika għal vetturi mqiegħda fis-servizz

K1	Tissodisfa r- rekwiżiti ta’ u	Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 Euro 6 jew emendi sussegwenti aktar tard skont id-dati speċifikati fit-Tabella 1 tal-Appendiċi 9 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 582/2011	2010-07-01 jew aktar tard
		Ir-Regolament (UE) 2017/2400 jew emendi sussegwenti	2019-07-01 jew aktar tard għall-gruppi ta’ vetturi 4–5 u 9–10 kif stabbilit fit-Tabella 1 tal-Anness I tar-Regolament
			2020-01-01 jew aktar tard għall-gruppi ta’ vetturi 1–3 kif stabbilit fit-Tabella 1 tal-Anness I tar-Regolament
			2020-07-01 jew aktar tard għall-gruppi ta’ vetturi 11–12 u 16 kif stabbilit fit-Tabella 1 tal-Anness I tar-Regolament
K2	Tissodisfa r- rekwiżiti tad-Direttiva emendata bid-Direttiva	2005/55/KE Vetturi b’magni li jissodisfaw ir-rekwiżiti fir-ringiela B.2 tat-Tabelli 1 u 2 tal-Anness I	-
		2005/78/KE	2010-07-01– 2013-12-31
K3	Tissodisfa r- rekwiżiti ta’	Regolament ECE 49	-

		Serje ta' emendi 04 Vetturi b'magni li jissodisfaw ir- rekwiżiti fir-ringiela B.2 tat-Tabelli 1 u 2 tal-Artikolu 5.2.1 jew emendi sussegwenti	2010-07-01– 2013-12-31
		Serje ta' emendi 05	2010-07-01– 2013-12-31
		Serje ta' emendi 06 jew emendi sussegwenti	2010-07-01 jew aktar tard
	u	Ir-Regolament (UE) 2017/2400 jew emendi sussegwenti	2019-07-01 jew aktar tard għall-gruppi ta' vetturi 4–5 u 9–10 kif stabbilit fit-Tabella 1 tal-Anness I tar- Regolament
			2020-01-01 jew aktar tard għall-gruppi ta' vetturi 1–3 kif stabbilit fit-Tabella 1 tal-Anness I tar- Regolament
			2020-07-01 jew aktar tard għall-gruppi ta' vetturi 11–12 u 16 kif stabbilit fit-Tabella 1 tal-Anness I tar- Regolament
K4	Il-kits ta' konverżjoni għandhom jissodisfaw ir- rekwiżiti ta'	Regolament ECE 115	-
		Serje ta' emendi 00 jew emendi sussegwenti	2010-07-01 jew aktar tard
K5	Il-vettura għandha tissodisfa r-rekwiżiti dwar l-opaċità tal-gass tal-egżost waqt aċċellerazzjoni ħielsa skont l-Anness 1 tar-Regolamenti u l-pariri ġenerali tal-Aġenzija Żvediża tat-Trasport (TSFS 2017:54) dwar it-testijiet tal-affidabbiltà stradali, u tissodisfa r-rekwiżiti tal-emissjonijiet rilevanti għall-mudell tal-vettura f'konformità mar-regolamenti federali tal-Istati Uniti. Fin-nuqqas ta' data tal-vettura dwar il-koeffiċjenti ta' assorbiment għall-opaċità tal-gass tal-egżost matul l-aċċellerazzjoni ħielsa, il-limitu ta' prestazzjoni għandu jkun ta' 1.5 m ⁻¹ .		

K6	Il-kits ta' konverżjoni għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ta'	Regolament tal-ECE 132	-
		Serje ta' emendi 01 jew emendi sussegwenti	2010-07-01 jew aktar tard
K7	Il-kits ta' konverżjoni għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Anness 5 tar-Regolamenti Żvedži dwar l-Amministrazzjoni tat-Toroq (VVFS 2003:29) dwar l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati.		2010-07-01 jew aktar tard
K8	Il-kits ta' konverżjoni għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ta'	Regolament ECE 143	-
		Serje ta' emendi 00 jew emendi sussegwenti	2010-07-01 jew aktar tard
T1	Fir-rigward tal-egżost, vettura għandha tissodisfa r-rekwiżiti tekniċi alternattivi speċifikati fl-entrata 41 tal-Partijiet I u II tal-Appendiċi 2 tal-Anness IV tad-Direttiva 2007/46/KE, kif ifformulata fir-Regolament (UE) Nru 183/2011.		
S1	Karozza tal-passiġġieri b'piż totali li jkun aktar minn 2,500 kg u mibnija minn trakk jew xarabank tista' tissodisfa r-rekwiżiti li japplikaw għall-vettura bażi. L-istess japplika għal xarabank mibnija minn trakk jew karozza tal-passiġġieri.		
S2	Sabiexi il-modifiki ta' sistema tal-egżost jiġu aċċettati mingħajr aktar ittestjar tal-emissjonijiet tal-egżost u kejl tal-konsum tal-fjuwil u tal-emissjonijiet tas-CO2, is-sistema tal-egżost u kwalunkwe filtru tal-partikuli ma jistgħux jiġu affettwati.		
S3	Krejn mobbli jista' jissodisfa r-rekwiżiti tal-emissjonijiet tal-egżost tad-Direttiva 97/68/KE kif emendata bid-Direttiva 2012/46/UE jew tar-Regolament (UE) 2016/1628.		

70. Komponenti speċifiċi għas-CNG (gass naturali kkompressat) u l-LNG (gass tal-metan likwifikat) u l-installazzjoni tagħhom

Vettura li taħdem bis-CNG (gass naturali kkompressat) jew LNG (gass tal-metan likwifikat) għandha tissodisfa r-rekwiżiti fir-ringiela K1 jew K2 tat-tabella ta' hawn taħt rigward is-sikurezza tas-sistema tal-fjuwil.

Vettura li sussegwentement ġiet ikkonvertita biex taħdem bis-CNG jew bl-LNG għandha tissodisfa r-rekwiżiti fir-ringiela K2 jew K3 fir-rigward tas-sikurezza tas-sistema tal-fjuwil.

Ringiela	Dispożizzjonijiet		Tapplika għal vetturi mqiegħda fis-servizz
K1	Vetturi b'approvazzjoni tat-tip jew komponenti b'approvazzjoni tat-tip u installati skont it-tip	Regolament ECE 110	-
		Serje ta' emendi 00 jew emendi sussegwenti	2010-07-01 jew aktar tard
K2	Il-kits ta' konverżjoni għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta'	Regolament tal-ECE 115	-
		Serje ta' emendi 00 jew emendi sussegwenti	2010-07-01 jew aktar tard
u jkun installat skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur.			
K3	Il-kits ta' konverżjoni għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Anness 5 tar-Regolamenti Żvediżi dwar l-Amministrazzjoni tat-Toroq (VVFS 2003:29) dwar l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati.		2011-01-01 jew aktar tard